MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1442/2000/1

**Felice Demanuele u b'digriet tal-14 ta' Settembru 2004, stante l-mewt ta' Felice Demanuele fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Paola Abela**

**v.**

**Anthony Demanuele**

**Il-Qorti:**

1. Permezz tac-citazzjoni tieghu, l-awtur tar-rikorrenti appellanti, wara li ppremetta:
(1) illi l-partijiet huma ahwa;

(2) illi l-partijiet kienu ftehmu illi l-konvenut u martu jiehdu kura u jirrendu servigi lill-attur, li huwa persuna anzjana ta’ erbgha u sebghin (74) sena;

(3) illi l-partijiet qablu li, bhala kumpens ghas-servigi u akkomodazzjoni li kellu jrendilu l-konvenut, l-attur kellu jhalli wara mewtu lill-konvenut porzjon diviza ta’ art formanti parti mill-ghalqa msejjha “Tal-Imwiegel”, bil-faccata taghha taghti fuq Triq Has-Sajjied, fil-limiti ta’ Haz-Zabbar, flimkien mal-garaxx li jinsab mibni fuqha;

(4) illi l-konvenut informa lill-attur illi kien iffissa appuntament man-nutar sabiex l-attur ikun jista’ jvarja t-testment tieghu u b’hekk wara mewtu jhalli lill-konvenut il-porzjon art msemmija;

(5) illi l-konvenut ha lill-attur ghand in-nutar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April 1999, u fl-istess data gie ffirmat kuntratt ta’ donazzjoni in atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, li bih l-attur iddona gratwitament u irrevokabbilment ittrasferixxa a favur tal-konvenut, li bl-istess titolu ta’ donazzjoni accetta u akkwista minghandu porzjon diviza ta’ art, inkluzi l-benefikati edilizji li llum jinsabu mibnija fuqha, formanti parti mill-ghalqa msejjha “Tal-Imwiegel”, u ghandha faccjata fuq Triq Has-Sajjied, minn fuq liema triq din l-art donata bl-imsemmi att hi accessibbli, fil-limiti ta’ Haz-Zabbar, tal-kejl superficjali komplessiv ta’ cirka tlett mija u sbatax punt sitta metri kwadri (317.6m) ekwivalenti ghal tnejn u sebghin punt tlieta tlieta qasab kwadri (72.33q.k.), u konfinanti mix-Xlokk mat-triq imsemmija, mill-Majjistral u mil-Lbic ma’ beni ta’ l-istess attur, libera u franka minn kwalunkwe cens, u minn kwalunkwe tip ta’ servitu`, bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha;

(6) illi sussegwentement, wara l-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt, il-konvenut informa lill-attur illi ma riedx aktar jiehu hsiebu u li ma setax jakkommodah aktar;

(7) illi wara dan l-attur indaga dwar l-iskrittura li huwa kien iffirma u kien hemmhekk li rrealizza li huwa ma kienx

iffirma testment li fih huwa halla l-art *de quo* izda att ta' donazzjoni a favur tal-konvenut, u li ghalhekk kien gie ingannat;

(8) illi l-attur irrealizza wkoll illi bl-imsemmi att ta' donazzjoni huwa kien ittrasferixxa lill-konvenut aktar art milli huwa kien wieghed li ser ihallilu wara mewtu;

(9) illi ghalhekk il-kunsens ta' l-attur fuq il-kuntratt imsemmi gie karpit b'qerq u/jew simulazzjoni u/jew zball; u

(10) illi ghalhekk il-kuntratt imsemmi huwa null u bla effett.'

Premess dan kollu, Felice Demanuele (illum mejjet) talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:-
(1) tiddikjara li l-kuntratt iffirmat mill-partijiet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 1999, li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, huwa afflitt b'qerq u/jew simulazzjoni u/jew qerq; u

(2) tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt imsemmi huwa null u inattendibbli u konsegwentement bla effett.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**
2. Il-konvenut appellat eccepixxa (fol. 13) illi:-
(1) l-attur ghandu jaghzel bejn il-qerq, is-simulazzjoni jew l-zball bhala r-raguni ghala qieghed jghid illi l-kuntratt ma jiswiex;

(2) ma hux minnu illi l-attur ma kienx jaf x'kien qieghed jiffirma meta sar il-kuntratt; u

(3) il-kuntratt ma hu milqut b'ebda vizzju li jwassal biex ma jkunx jiswa.

**ID-DECIZJONI TA' L-EWWEL QORTI**

3. B'decizjoni tat-18 ta' Frar 2003, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, iddecidiet billi cahdet it-talbiet ta' l-attur u kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-kawza. Kopja tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**L-APPELL TA' L-ATTUR APPELLANT**

4.1 L-attur hassu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti ghall-fini tar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad fit-18 ta' Frar, 2003 kif inghad.

4.2 Fil-mori ta' dan l-appell, l-imsemmi attur Felice Demanuele miet u l-atti gew trasfuzi f'isem ohtu Paola Abela in forza ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2004.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-aggravji ta' l-attur, redatti f'rikors ta' appell konsistenti f'hamsa u ghoxrin (25) pagna dattilografata, jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti zewg lanjanzi:

(i) illi l-attur gie ppregudikat serjament b'digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Ottubru 2000, meta hu gie ordnat li jindika b'nota fuq liema wiehed minn tlett kawzali ta' qerq, simulazzjoni jew zball kien qieghed isejjes il-kawza tieghu, bil-konsegwenza li huwa kellu jillimita c-citazzjoni tieghu fuq il-kawzali unika tal-qerq, u b'dan allura li "possibilitajiet ta' ezitu pozittiv ghac-citazzjoni tieghu gew imnaqqsa mill-anqas b'zewg terzi" (sic!); u

(ii) illi, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-appellant issottometta li huwa ressaq provi konvincenti ta' qerq da parti tal-konvenut izda l-evalwazzjoni ta' dawn il-provi min-naha tal-Qorti ta' l-ewwel grad kienet wahda skorretta.

Ghalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata bl-akkoljiment tat-talbiet tieghu li gew respinti zbaljatament.

6. In risposta, il-konvenut appellat wiegeb li s-sentenza appellata jisthoqqilha konferma billi, bil-maqlub ta' dak

sostnut mill-attur appellant, fil-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma gie ppruvat ebda qerq min-naha tieghu, kif allegat mill-appellant fir-rikors ta' appell.

**Dwar l-ewwel aggravju**

7. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti tibda billi tirrileva li l-awtur ta' l-appellanti, u cioe` Felice Demanuele, f'ebda stadju tal-kawza, lanqas fi stadju ta' appell, ma talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet li nghata mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Ottubru, 2000.

Jekk Felice Demanuele tassew hass li kien safa ppregudikat serjament bid-digriet surreferit u li l-limitazzjonijiet li gew imposti fuqu mill-ewwel Qorti la kienu sorretti mil-ligi u lanqas mid-dottrina legali in materja, il-minimu li wiehed kien jistenna minnu fic-cirkostanzi kien dak li jirregistra xi forma ta' rizerva jew opposizzjoni ghall-imsemmi digriet. Lanqas fir-rikors ta' appell ma hemm xi talba partikolari dwar dan id-digriet.

8. Apparti dan, din il-Qorti frankament issib li dan l-ilment da parti ta' l-appellant huwa wiehed fieragh. Meta Felice Demanuele ghazel bhala kawzali dik ta' "l-ingann", fil-fatt huwa ghazel l-izjed kawzali wiesa' u generika mit-tlett kawzali li jissemmew fil-ligi. Mill-mod kif zvolgiet il-kawza u tressqu l-provi, ma huwiex minnu li l-attur gie mxekkel minn dak li kien tenut jipprova biex jiggustifika t-talba tieghu. L-attur ghamilha cara, u l-ewwel Qorti fehmet sew, li huwa xtaq u ried jipprovalha li, filwaqt li hu kien mar ghand nutar flimkien mal-konvenut biex jaghmillu laxxitu ghal wara mewtu, per via ta' testment, u b'hekk jissalda anticipatament ghas-servigi li huh (il-konvenut) kellu jipprestalu, spicca biex wara skopra li dak li ffirma ghalih ma kenitx testment imma att ta' donazzjoni. Issa li kieku l-attur irnexxielu jipprova dan kollu, dan kien iwassal biex il-kawzali ta' l-ingann tirrizulta bil-konsegwenza li l-att ta' donazzjoni kien jigi rez null u bla ebda effett. Fil-mument li l-attur istitwixxa u ppromwova l-kawza tieghu b'citazzjoni, huwa kien legalment tenut li jkun kien jaf ezattament fejn irid jasal u li f'idejh ikollu dawk il-provi li jwassluh fejn ried jasal. Dan ifisser mela li meta l-ewwel Qorti ordnatlu, ghax hekk dehrilha opportun, biex huwa

jindikalha fuq liema wahda mit-tlett kawzali huwa kien qieghed isejjes il-kawza tieghu, huwa ma kellu ebda raguni li jilmenta li b'dak li ried jipprova kien qieghed jigi ppregudikat. Ma kien hemm assolutament xejn milli jzommu milli jispjega debitament lill-ewwel Qorti – kif fil-fatt jirrizulta in segwitu li ghamel – li ghalkemm huwa ghazel "il-qerq" bhala kawzali, huwa ma kienx qieghed jeskludi li tali "qerq" kien ukoll jikkomprendi fih l-elementi ta' "zball" u possibilment ukoll "is-simulazzjoni". F'dak l-istadju bikri tal-kawza, hadd daqs l-attur ma kien jaf xi provi kellu fil-pussess tieghu. In adempiment ta' dak li gie ordnat jaghmel mill-ewwel Qort l-attur kien skjett u kategoriku hafna f'dak li rrisponda, u fil-fatt wiegeb hekk (ara nota a fol. 19 tal-process):
…"illi l-kawzali rilevanti hija dik tal-qerq da parti tal-konvenut li minghajru l-esponenti ma kienx jikkuntratta."

9. Issa jekk l-attur ghazel li jimposta l-kawza tieghu fuq dan il-binarju – li fil-fehma tal-Qorti huwa wiehed sufficjentement ampju u generiku, purke` pruvat minn min qieghed jallegah – ma jistax wara jilmenta li gie ppregudikat mill-Qorti ghax dik il-Qorti dehrilha li <u>*in ultima analisi*</u> l-prova rikjesta ma gietx fornita ghas-sodisfazzjon taghha. Fi kliem iehor, l-ezercizzju li kellu jikkonduci l-attur biex jasal ghall-prova rikjesta ma kellhiex tkun "a fishing expedition" fis-sens li jaqbad u jressaq provi kif gie gie biex forsi fl-ahhar jasal, jekk ma jippruvax li sar ingann, li ha zball jew li seta' gie simulat att. Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex minn ezami da parti ta' din il-Qorti ta' l-atti tal-kawza jirrizulta car u tond li l-attur <u>mhux minnu</u> li hu kien qieghed ihossu minimament zvantaggjat bid-digriet surreferit. Di fatti jekk wiehed jezamina n-nota ta' sottomissjonijiet estensiva li pprezenta fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 207 – 225 tal-process) isib fiha espressament li gej (ara fol. 207)
"A. Il-Fonti Dottrinali.
Illi l-artikoli tal-Kodici Civili in kwistjoni invokati mill-attur jirrilevaw allegatament kunsens karpit b'qerq peress illi l-attur gie mqarraq illi jiffirma donazzjoni meta huwa kien minghalih li qed jiffirma testment."

Jekk wiehed janalizza sew tali sottomissjonijiet, ghandu facilment jikkonkludi i l-attur inter alia kien qieghed jallega li l-qerq kien jikkonsisti filli huwa kien affett minn "zball" li incida direttament fuq il-kunsens tieghu. Issa meta wiehed jezamina x'hadet in konsiderazzjoni l-ewwel Qorti qabel waslet ghad-decizjoni taghha, jirrizulta kjarament li l-import ta' dak kollu li l-attur ried juriha, fil-fatt qisithu u flietu b'mod approfondit. Fil-korp tas-sentenza (ara pagna 3 taghha), il-Qorti mhux biss ticcita dik il-parti tal-ligi relattiva ghall-kawzali imma tispjega wkoll b'mod limpidu dak li ried jipprova l-attur, jigifieri, li
"Il-konvenut hadu ghand in-nutar u hu mar bil-hsieb li jaghmel it-testment skond il-ftehim. Ghand in-nutar iffirma att li hu minghalih, li kien it-testment."

10. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma kenitx gejja minn, u msejsa sempliciment fuq, il-fatt li, bhala kawzali, l-attur ghazel dik ta' l-ingann imma l-ghaliex, wara li semghet u gharblet il-provi akkwiziti, ikkonkludiet li
"L-attur ghalhekk kien ried jaghmel donazzjoni, u dan it-twemmin tal-Qorti hu msahhah mill-fatt li hemm x'juri illi din il-kawza saret b'inizjattiva mhux ta' l-attur izda ta' haddiehor,"

jigifieri fuq inizjattiva gejja minn terz (mhux il-konvenut appellat). L-attur jista' jibqa' jishaq li l-Qorti kkonkludiet b'mod zbaljat imma certament ma jistax jillanja li dak li ried jipprova f'din il-kawza gie b'xi mod imxekkel mill-ewwel Qorti bi pregudizzju ghat-tezi tieghu.

Ghalhekk l-ewwel aggravju ma jirrizultax u qieghed jigi respint.

**Dwar it-tieni aggravju**

11. It-tieni aggravju huwa fil-meritu u jikkonsisti fil-lanjanza li, skond l-appellant, il-Qorti naqset milli taghmel evalwazzjoni tajba tal-provi, kemm minn punto di vista ta' dritt kif ukoll ta' fatt. Jghid li r-raguni vera l-ghala huwa infexx f'bikja meta gie mistoqsi jekk il-konvenut kienx hadu

ghand xi nutar biex jiffirma xi haga ma kenitx ir-raguni moghtija mill-Qorti – jigifieri ghax safa' kostrett li jistqarr ma' John Abela li hu mhux testment kien ghamel mal-konvenut imma donazzjoni. Skond l-appellant, invece, Felice Demanuele infexx jibki ghax f'dak il-mument huwa "ovvjament rega' ftakar f'dak li ghamillu huh", jigifieri li "ghalkemm (l-attur) kien kiteb din l-art lil huh dan xorta wahda keccieh minn daru (u dan) ovvjament wegga' hafna lir-rikorrent."

12. Hu appena necessarju jinghad li f'dak li huwa apprezzament ta' provi, din il-Qorti ma tiddisturba qatt leggerment dak li jkun sar mill-ewwel Qorti, jekk mhux ghal raguni gew ragunijiet serji li jiddettaw xort'ohra. Din il-Qorti ezaminat l-atti u l-provi li gew prodotti u hija tal-ferma konvinzjoni li l-analisi tal-provi kondotta mill-ewwel Qorti – dejjem fuq bazi ta' probabilita` – kienet wahda gusta u korretta. Mhux il-kaz ghalhekk li din il-Qorti toqghod tirrepeti fil-korp ta' din is-sentenza l-konsiderazzjonijiet varji migjuba mill-ewwel Qorti li mmotivawha biex tasal ghad-decizjoni taghha – tghid biss li hija tikkondividihom u ma tara kwindi <u>ebda</u> raguni l-ghala hija ghandha minimament tiddipartixxi minn, jew tvarja, dak li gie hemm deciz. Hemm provi sufficjenti li juru li Felice Demanuele, illum mejjet, kien jaf x'kien qieghed jaghmel u li r-raguni l-ghala wara "nidem", ossija ddispjacieh minn dak li ghamel, kien gej mill-fatt li huwa ghazel li jaljena hwejjgu lill-haddiehor matul hajtu, izda sfortunatament ghalih gara li l-affarijiet ma baqghux sejrin kif xtaqhom hu. Minflok idur bih huh, jigifieri l-konvenut, indahal it-terz, izda ghal fini ta' kumpens per via ta' l-immobbli li qabel kienet proprjeta` tieghu, issa kien tard wisq ghax din lahqet nel frattemp giet iddonata lil huh. Seta' kien il-kaz li l-attur kien liberali u fidil izzejjed meta ddecieda li jaghmel dan il-pass favur huh, izda dak li ghamel kien att konxju, deliberat u volontarju – ara wkoll ix-xiehda estensiva moghtija min-nutar Joseph Henry Saydon li ppubblika l-att ta' donazzjoni (ara fol. 35 sa 53 tal-process) u c-cirkostanzi dwar kif sar dan l-att notarili ta' donazzjoni, kif ukoll ix-xiehda moghtija mill-A.I.C. Joseph Magro (fol. 167 sa 171 tal-process) u kwindi "non si

trattava” hawn ta’ xi ingann kif ried invece jaghti wiehed x’jifhem l-attur appellant.

Ghalhekk it-tieni aggravju wkoll ma jirrizultax, u qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Frar 2003, qeghda tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------